MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 139/2016/1 LM

**Marco Pisani (K.I. numru 560682M)**
*(l-appellat)*

***vs.***

**KPM Marine Services Limited (C 67876)**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata, hawnhekk "l-appellanta", **KPM Marine Services Limited (C 67876)** mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti"), fil-5 ta' Novembru, 2019 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata") li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi,

*".... tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas dik is-somma pretiża minnu fir-rikors promutur u ċioe l-ammont ta' ħdax-il elf, disa' mija u sebgħa u tletin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,937.25) għar-raġunijiet imsemmija fl-istess rikors promutur li minnhom għandhom jitnaqqsu s-somma ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400) ġia mħallsa.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta, u bl-imgħaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-preżentata tar-rikors sad-data tal-pagament effettiv."*

## **Fatti**

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li permezz tagħhom talab lil dik il-Qorti tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħdax-il elf, disa' mija u sebgħa u tletin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,937.25) għal xogħol imwettaq minnu għall-benefiċċju tas-soċjetà intimata.

## **Mertu**

3. Ir-rikorrent kien impjegat mas-soċjetà intimata bħala kaptan ta' vapur (l-*MV Alice*), u permezz tal-proċeduri mibdija minnu quddiem l-Ewwel Qorti huwa talab li jitħallas is-somma ta' ħdax-il elf, disa' mija u sebgħa u tletin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,937.25) dovuti lilu għal xogħol imwettaq minnu għall-benefiċċju tas-soċjetà intimata. Ir-rikorrent jgħid li huwa kien intalab imur l-Eġittu għal perijodu ta' tliet xhur fejn kienu qegħdin isiru xogħlijiet fuq il-bastiment jew lanċa li huwa kien mistenni li jaħdem biha mas-soċjetà intimata. Ir-rikorrent jgħid li esponenti tas-soċjetà intimata kienu infurmawh li wara li jqatta' xi żmien hawn Malta, huwa kien ser jibda jopera

dan il-bastiment ġewwa l-gżejjer tal-Maldives, fejn is-soċjetà intimata kienet ser tagħmel xi xogħol għall-benefiċċju tal-armata ta' dak il-pajjiż.

Is-soċjetà intimata wieġbet li ebda ħlas mhuwa dovut minnha lir-rikorrent, għaliex ix-xogħol li kellu jagħmel ir-rikorrent baqa' ma sarx, u dan wara li l-kuntratt li kellu jiġi ffirmat mal-Gvern tal-Maldives għall-ġarr ta' provvisti permezz ta' dan il-bastiment baqa' ma ġiex iffirmat.

4. L-Ewwel Qorti kellha l-opportunità tisma' diversi xhieda u tevalwa diversi provi qabel tasal għad-deċiżjoni tagħha. Ir-rikorrent **Marco Pisani**, fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa għandu kwalifika ta' *boat master grade 1* li permezz tagħha huwa jista' jaħdem bħala kaptan fuq il-vapuri, u f'Mejju tas-sena 2015 huwa kien ġie avviċinat minn ċertu Philip Cardona u minn persuna oħra, li talbuh jaħdem għal kumpannija tagħhom, bl-isem ta' KMP Marine Services Limited, u dan bħala kaptan fuq il-lanċa *MV Alice*. Qal li bejn il-partijiet kien hemm ftehim dwar in-natura tax-xogħol li kellu jsir u dwar il-pagi li kellhom jitħallsu lilu, u dak iż-żmien huwa kien ġie infurmat li l-bastiment inkwistjoni kien qiegħed l-Eġittu fejn kellu jsir xi xogħol fuqu, u minn hemm dan kellu jbaħħar lejn il-gżejjer Maldives sabiex jagħmel xi xogħol għall-armata t'hemmhekk. Ix-xhud qal li minn dak li ntqal bejn il-partijiet, il-ftehim kien li r-rikorrent kien ser jingħata kuntratt ta' impjieg għal għaxar snin, u l-ewwel biċċa xogħol li kien ser jingħata kienet li huwa jmur l-Eġittu għal tliet xhur sabiex iniżżel il-bastiment minn hemm, u wara kellu jerġa' jinżel Malta għal xahar. Il-ftehim bejn il-partijiet kien li wara dan ix-xahar f'Malta, ir-rikorrent jingħata kuntratt ta' impjieg għal għaxar snin mas-soċjetà intimata, u huwa

kien mistenni jaqdi dan l-inkarigu fil-gżejjer tal-Maldives. Ir-rikorrent spjega li dak iż-żmien hu u t-tfajla tiegħu bdew jippreparaw biex jibdew ħajja ġdida ġewwa l-Maldives. Ir-rikorrent spjega li huwa talab salarju ta' €2,500 fil-ġimgħa għall-kariga ta' *master,* fejn kien mistenni jaħdem erbgħa u għoxrin siegħa kuljum fuq il-bastiment, iżda r-rappreżentanti tas-soċjetà intimata kienu qalulu li ma setgħux iħallsu dawk it-tip ta' pagi. Ir-rikorrent spjega li l-partijiet ftiehmu li huwa kellu jitħallas salarju ta' elfejn Euro (€2,000) fix-xahar, b'xi arranġamenti oħra għall-ħlas ta' *allowances* u żidiet oħra, u bil-kundizzjoni li huwa jingħata kuntratt ta' impjieg għal għaxar snin. Ir-rikorrent spjega li fl-ewwel laqgħa li huwa kellu ma' rappreżentanti tas-soċjetà intimata, dawn kienu tawh l-ammont ta' seba' mija u ħamsin Euro (€750), bil-patt u l-kundizzjoni li huwa ma jmurx jaħdem fuq bastiment ieħor fil-perijodu ta' żmien li kien qiegħed jistenna biex imur l-Eġittu. Ir-rikorrent spjega kif minkejja li huwa kien mar l-Eġittu kif kien intalab jagħmel, il-kuntratt tax-xogħol tiegħu mas-soċjetà intimata ma ġie ffirmat qatt. Żied jgħid li matul it-tliet xhur li qatta' ġewwa l-Eġittu, huwa kien qiegħed jgħix abbord il-bastiment MV Alice, li kien għadu qiegħed jinbena u għalhekk kien nieqes minn ħafna faċilitajiet. Spjega li kien f'dan iż-żmien li huwa kien ġie avviċinat minn ċertu Mario Cardona, li infurmah li l-kuntratt li s-soċjetà intimata kellha tagħmel mal-Gvern tal-Maldives ma mmaterjalizzax, u għalhekk lir-rikorrent kienet ser titnaqqaslu l-paga miftiehma għat-tliet xhur li kellu jqatta' l-Eġittu, flimkien mal-*allowances* miftiehma. Ir-rikorrent qal li minkejja li huwa ma kienx dispost jaċċetta dan it-tnaqqis, ir-risposta ta' Cardona dak il-ħin kienet, "u iva mbagħad naraw." Qal li huwa kien rritorna Malta fis-6 ta' Diċembru, 2015, u

għal dawk it-tliet xhur li kien qatta' ġewwa l-Eġittu huwa kien tħallas is-somma ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2,400) u dan minn total ta' madwar tmintax-il elf, erba' mija u erbgħa u għoxrin Euro (€18,424) rappreżentanti *spending money, allowances* għas-Sibtijiet, Ħdud u festi, u *offshore allowance* li kienu dovuti lilu. Ir-rikorrent qal li dan l-episodju lilu kkawżalu diversi problemi f'ħajtu, fosthom anki kellu jiskonta piena ta' priġunerija minħabba li ma setax iħallas il-manteniment dovut għal bintu, kif ukoll tilef diversi opportunitajiet ta' xogħol.

Quddiem l-Ewwel Qorti ġew ippreżentati diversi *affidavits* ta' xhieda oħra li lkoll ikkonfermaw dak li xehed dwaru Marco Pisani, fosthom oħtu **Daniella Theuma**, is-sieħba tiegħu **Lorraine Farrugia,** ommu **Doris Pisani** u missieru **Charles Pisani**. Dawn ix-xhieda lkoll ikkonfermaw li kienu jitkellmu mar-rikorrent diversi drabi anki meta dan kien l-Eġittu, u dan kien dejjem jgħidilhom li kien għadu mingħajr kuntratt ta' impjieg. Dawn ix-xhieda lkoll ikkonfermaw li r-rikorrent baqa' ma tħallasx mis-soċjetà intimata għaż-żmien li qatta' ġewwa l-Eġittu. *Affidavits* oħra ppreżentati quddiem l-Ewwel Qorti kienu dik ta' **Roger Mahlangu**, li xehed li r-rikorrent kien mar l-Eġittu għal tliet xhur sabiex jaħdem bħala l-kaptan tal-vapur *MV Alice*. Dan ix-xhud qal li r-rikorrent kien qallu li fl-Eġittu kien ser ikun *on duty* il-ħin kollu, u li huwa spiss kien jitkellem mar-rikorrent waqt li dan kien l-Eġittu. Dan ix-xhud qal li matul dawk it-tliet xhur ir-rikorrent kien dejjem jgħidlu li fuq il-bastiment ma kien hemm faċilitajiet ta' xejn, u kull darba li kien jistaqsih jekk kienx iffirma l-kuntratt ta' impjieg mas-soċjetà intimata, dan kien jgħidlu li kien għadu ma ffirmahx. Dan ix-xhud qal li meta r-rikorrent baqa' ma tħallasx għax-xogħol li għamel tul dawk it-tliet xhur, dan kien ingħata karozza tat-tip Toyota Starlet

mis-soċjetà intimata bħala garanzija li kien ser jitħallas ta' xogħlu, imma din il-karozza kienet ittieħdet mill-pussess tar-rikorrent mingħajr ebda preavviż, tant hu hekk li dan kien ħalla xi oġġetti ta' valur u ammont ta' flus kontanti ġo fiha.

Ir-rikorrent ippreżenta wkoll sensiela ta' dokumenti, fosthom id-dokumenti li kellu jiġbor bħala kaptan tal-*MV Alice,* dokument iffirmat minn ċertu Mohammed Tarbili, li jikkonferma li l-lanċa *MV Alice* kienet *rebuilt* u setgħet titniżżel fl-ilma, dokumentazzjoni maħruġa mill-armata tal-Eġittu li permezz tagħha l-bastiment ingħata permess joħroġ mill-ibħra Eġizzjani, il-lista tal-ekwipaġġ tal-bastiment, kif ukoll id-dokument tal-*port clearance.*

L-Ewwel Qorti semgħet ukoll ix-xhieda ta' **Kevin Attard**, li spjega li huwa kellu lanċa li tela' biha l-Eġittu sabiex isir xi xogħol fuqha. Dan ix-xhud qal li meta saru l-ewwel laqgħat mar-rikorrent, dan kien informa lill-esponenti tas-soċjetà intimata li huwa kien kuntent b'elfejn Euro (€2,000) paga fix-xahar, u l-ftehim bejn il-partijiet kien li r-rikorrent jibda jitħallas biss jekk isir il-kuntratt mal-Gvern tal-Maldives. Qal ukoll li huwa kien informa lir-rikorrent li ma kellux għalfejn jitla' jqatta' tliet xhur l-Eġittu ladarba l-bastiment ma kienx lest għat-tbaħħir, u r-rikorrent seta' jitla' l-Eġittu fl-aħħar ħmistax qabel il-bastiment ikun lest biex isalpa, iżda kien ir-rikorrent li insista li jitla' l-Eġittu u jqatta' tliet xhur hemmhekk. Dan ix-xhud insista li x-xogħol li kien ipprospettat li jingħata lir-rikorrent tħassar, u kien għalhekk li kien ġie deċiż li r-rikorrent jingħata ħlas ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2,400) u ma jingħata xejn iżjed. Dan ix-xhud qal li matul dawk it-tliet xhur li qatta' l-Eġittu, ir-rikorrent ma kellux xogħol ta' kaptan x'jagħmel għaliex il-bastiment ma kienx lest għat-tbaħħir. Ix-xhud qal li

fl-istat li kien fih il-bastiment, żarmat minn taħt, dan ma setax jitniżżel fl-ilma, u għalhekk ma kienx hemm xogħol ta' kaptan x'isir.

## Is-Sentenza Appellata

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Novembru, 2019, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li s-soċjetà intimata għandha tħallas l-ammont ta' ħdax-il elf, disa' mija u sebgħa u tletin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,937.25) lir-rikorrent, li minnhom għandu jitnaqqas l-ammont ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2,400) li diġà tħallsu lilu, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi l-fatti ta' dan il-każ jistrieħ fuq kwistjoni ta' ftehim li sar bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta fejn din tal-aħħar innegat li kien hemm xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet minħabba li kien għad ma kienx hemm xogħol. Illi mill-fatti tal-każ joħroġ li ftehim bil-miktub qatt ma kien hemm bejn il-partijiet u għalhekk din il-Qorti trid tistrieħ fuq ix-xhieda mogħtija u fatti oħrajn li joħorġu mill-każ.*
>
> ***Ftehim mhux miktub***
>
> *Indubjament għal konklużjoni ta' kuntratt jeħtieġ li jkun hemm il-manifestazzjoni tal-volontà tal-partijiet li jaslu għal ftehim unilaterali bejn il-partijiet. Ir-raġuni hi waħda ċara għaliex dan il-ftehim unilaterali bejn il-partijiet toħloq ir-relazzjoni ġuridika fl-effetti kollha tagħha u tagħti lill-kuntratt il-forza ta' liġi li jsemmi l-Artikolu 992(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għalhekk dan il-kuntratt allura jkollu "l-effett bejn il-partijiet kontraenti biss" kif jingħad fl-Artikolu 1001 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Fil-każ in eżami l-partijiet ma ffirmaw ebda skrittura bejniethom. Illi l-ftehim ta' bejniethom ma kienx wieħed li jaqa' taħt dak li hemm fl-artikolu 1233 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-prova skritta hija espressament mitluba taħt piena ta' nullità. Illi għandu jingħad li ma jfissirx illi prova tal-ftehim ma setgħetx tinġieb permezz ta' provi oħra minħabba l-fatt li ma kienx hemm skrittura bħal per eżempju*

*ammissjoni stess tal-parti jew provi oħrajn li jwasslu lill-Qorti tasal għal konklużjoni li dak miftiehem verbalment kellu jkun il-ftehim bejn il-partijiet. Il-ġudikant allura hu tenut biex jivvaluta ċ-ċirkostanzi dedotti minn dawn il-provi testimonjali u ċirkostanzi oħrajn sabiex tevalwa r-relazzjoni bejn il-partijiet fuq dan il-ftehim verbali li sar.*

*Kif wieħed kien jantiċipa s-soċjetà konvenuta għamlet enfasi qawwija fuq il-kwestjoni li qatt ma ġie ffirmat kuntratt jew li kien hemm ftehim kif qiegħed jgħid l-attur. Evidentement, jidher ċar anke jekk din il-Qorti tammetti li kien hemm ftehim verbali bejn il-partijiet u taċċetta wkoll li għal tali ftehim ma kienx jokkorri l-kitba, il-Qorti ma tistax, imbagħad, tiskarta l-fatt illi l-istess partijiet riedu li għall-validità tiegħu l-ftehim kellu jiġi redatt bil-miktub u ffirmat minnhom ilkoll. Fil-fatt joħroġ ċar minn dak li qal l-istess attur Marco Pisani fl-affidavit tiegħu (a fol. 18) fejn stqarr li l-kuntratt kellu jkun ta' għaxar snin u kellu jingħata paga ta' elfejn euro (€2,000) fix-xahar. Dan il-ftehim verbali kien sar f'Mejju 2015 u sabiex ma jintrabatx fuq bastiment ieħor ingħata seba' mija u ħamsin euro (€750). Illi kważi ħames xhur wara u ċioe f'Settembru 2015 kien għadu ma ffirma ebda kuntratt u fil-fatt skont hu kienu kellmuh kemm Philip u Kevin tas-soċjetà konvenuta sabiex jitla' lejn l-Eġittu u l-kuntratt baqa' ma ġiex iffirmat. Illi għalhekk skont Marco Pisani dak li kien miftiehem mas-soċjetà konvenuta kellu jkun imniżżel b'kuntratt u mhux kwistjoni verbali ta' bejniethom biss.*

*Illi fuq dan il-ftehim ma ġie esebit ebda korrispondenza jew dokumenti oħra li juru x'seta' kien dan il-ftehim verbali bejn il-partijiet. Illi għandu jingħad li dokument esebit li jinsab a fol. 22 u mmarkat bħala Dok. MP2 juri li ċertu Mario Cardona ħallas is-somma ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400) fil-15 ta' Diċembru 2015 lil Marco Pisani. Illi però għandu jingħad li fih ma hemm xejn x'kienet ir-raġuni għal tali ħlas. Illi però fix-xhieda li ta l-istess Kevin Attard għas-soċjetà konvenuta kkonferma fatti importanti minn dak li qal fl-affidavit tiegħu Marco Pisani.*

*Illi f'dan il-każ ġie kkonfermat li s-somma mgħoddija qabel ma beda jaħdem kienet ingħatat lil Marco Pisani sabiex ma jimbarkax fuq vapur ieħor ħaġa li semma' l-istess attur Marco Pisani. Illi ġie kkonfermat ukoll li s-somma ta' elfejn u erba' mitt euro ġew mgħoddija wkoll lil Marco Pisani wara li kienu ġew lura mill-Eġittu. Illi jidher ukoll li hemm qbil li l-paga li kien se jkollu Marco Pisani kienet dik ta' elfejn euro fix-xahar u dan ġie kkonfermat ukoll minn Kevin Attard fix-xhieda tiegħu (a fol. 191). Illi min-naħa ta' Kevin Attard din il-paga kienet sejra tingħata wara li l-vapur*

*ikun lest mix-xogħol u jieħdu l-kuntratt li kellhom sabiex jagħtu* supplies *lil xi kumpannija oħra iżda mhux qabel.*

***Ikkunsidrat***

*Fuq dan hemm konkordanza pjena mill-partijiet u mix-xhieda tagħhom, inter alia, Kevin Attard u Marco Pisani li l-paga kellha tkun ta' elfejn euro fix-xahar u Marco Pisani jibda jaħdem fuq il-vapur tagħhom. Illi d-diverġenza hija dwar il-fatt li għad ma kienx hemm kuntratt ma' kumpannija li se tibda tirċievi s-servizz tas-*supplies *mingħand is-soċjetà konvenuta u għalhekk ma kienx jagħmel sens li tagħti paga lil Marco Pisani. Illi Kevin Attard min-naħa tiegħu kompla jgħid li ma kienx hemm raġuni għala Marco Pisani kellu jitla' ġewwa l-Eġittu meta x-xogħol fuqha ma kienx għadu lest. Illi skont l-istess xhud, Marco Pisani tela' minn jeddu ġewwa l-Eġittu fejn inħareġ biljett tal-ajru. Illi però ta' min jinnota li ebda xhud ma indika min ħallas dan il-biljett tal-ajru jekk kienx l-istess attur jew inkella s-soċjetà attriċi* (sic!). *Illi dan il-fatt huwa ta' importanza għal raġuni li jekk skont l-istess Kevin Attard l-attur Marco Pisani tela' minn jeddu allura jekk ħallset il-kumpannija ma kienx jagħmel sens dak li qal dwar ir-raġuni li tela'. Illi min-naħa l-oħra l-istess Marco Pisani fl-affidavit tiegħu ma indika ebda spejjeż relatati ma' biljett tal-ajru bħala spiża li huwa daħal għaliha. Illi għalhekk ma kienx jagħmel sens li l-istess Marco Pisani jaqbad u jitla' minn jeddu ġewwa l-Eġittu meta kien jaf li mhux se jitħallas ta' xogħlu.*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti dak li l-istess soċjetà konvenuta qalet, li l-attur Marco Pisani kien tela' minn jeddu ma kienx jagħmel sens li tasal tagħtih is-somma ta' elfejn u erba' mitt euro meta niżel lura lejn Malta. Illi għalhekk din is-somma li tħallset kienet sabiex tagħmel tajjeb għal dak il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet. Illi għalhekk la ma kienx hemm il-bżonn tal-preżenza tal-attur matul dak il-perijodu ta' tliet xhur, allura lanqas ma kienet titħallas din is-somma mis-soċjetà konvenuta.*

*Illi jidher però minn emails li ġew esebiti (ara Dok. XX6 a fol. 154) juru li l-istess attur Marco Pisani kien qiegħed jagħmel dawk il-preparamenti sabiex ikun jista' jitla' ġewwa l-Eġittu. Illi jidher minn din il-korrispondenza li kienu qegħdin isiru preparamenti għal xiri ta' ikel u mapep li kien ikun hemm bżonn għal perijodu twil. Illi anki f'Dok. XX7 jidher li kien hemm korrispondenza diretta ma' Philip Cardona li qiegħed jidher f'dawn il-proċeduri għan-nom tas-soċjetà konvenuta fejn l-istess Kevin Attard sejjaħlu bħala l-partner tiegħu f'din is-soċjetà. Illi għalhekk fid-dawl ta' dawn l-emails ma jagħmilx sens dak li qal Kevin Attard li l-istess Marco Pisani ried jitla' minn jeddu għal tliet xhur. Illi jidher b'mod ċar li Marco Pisani kien qiegħed jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex ikun jista' jitla' preparat għal dak li hemm bżonn*

*sabiex jieħu f'idejh it-tmexxija tal-vapur ġewwa l-Eġittu. Illi minn din il-korrispondenza jidher ukoll li ma kien hemm ebda diskors bejn il-partijiet biex ma jitlax anzi kien hemm talba sabiex jingħata flus minn qabel minħabba ħlas ta' manteniment li kellu jagħti. Illi anki hawn ikompli jsaħħaħ dak li qal l-istess Marco Pisani dwar il-ftehim li kien hemm fuq ħlas tal-paga.*

***Ikkunsidrat***

*Illi għandu jingħad li fi kwalunkwe każ li l-attur kellu jġib dawk il-fatti kollha fuq dak miftiehem bejn il-partijiet. Illi kif ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **"Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri"**, Prim Awla tal-Qorti Ċivili per Imħallef Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970:-*

> "Bħala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti ċivili l-Qorti tirritjeni li, għalkemm kif dejjem ġie ritjenut, il-konvenut allegat debitur għandu jipprova il-pagament li hu jallega, f'każ ta' dubju raġonevoli jekk l-ammont għadux dovut jew le, dan id-dubbju għandu dejjem imur favur il-konvenut, għax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-aħħar tal-kawża għax hu jallega d-debitu u kulħadd għandu jipprova l-allegazzjoni tiegħu. U fil-każ ta' kunflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, ċioe l-attur l-esiġibilità u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju *"actore non probante reus absolvitur".* L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċipju l-ieħor *"reus in excipiendo fit actor",* għax, jerġa' jingħad, l-oneru ċentrali tal-akkuża jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull każ ta' kunflitt ikun faċli għall-attur jirbaħ avolja l-Qorti tibqa' sospiża fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."

*Illi anki fid-dawl ta' din is-sentenza fl-ismijiet "**Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia"**, Prim Awla, Qorti Ċivili, per Imħallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966:*

> "Il-konflitt fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant."

*Kif paċifikament meħtieġ fil-ġurisprudenza tagħna* "il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn iwasslu lill-Ġudikant dik

iċ-ċertezza morali u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet". *(**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino,** Appell Kummerċ, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace,** Appell Ċivili, 5 ta' Marzu 1986).*

*Il-Qorti allura jeħtiġilha tara jekk il-verżjoni l-waħda għandhiex teskludi lill-oħra fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet.*

***Ikkunsidrat***

*Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha, il-Qorti hi tal-opinjoni illi f'dan il-każ tara li kien hemm ftehim dwar ħlas għal xogħol li kellu jsir mill-attur mas-soċjetà konvenuta. Min-naħa l-oħra ma jistax jingħad li ma tirriżultax dik iċ-ċirkostanza determinanti li tissoda l-konvinċiment tal-Qorti favur teżi u mhux l-oħra. F'tali sitwazzjoni* "ma jibqax leċitu għall-ġudikant li tifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabbiltajiet. Jeħtieġlu jasal biss għall-konklużjoni li l-attur ma jkunx sodisfaċentement u konkludentement ipprova t-talbiet tiegħu. *Actor non probante, reus absolvitur" – **Joseph Vincent Rausi noe vs Joseph Muscat** – Prim Awla, Qorti Ċivili 22 ta' Novembru 199).*

*Illi f'dan il-każ il-Qorti tara li fil-fatt kien hemm ftehim sabiex l-attur jimbarka fuq il-vapur u jibda jagħti s-servizz tiegħu mas-soċjetà konvenuta. Illi huwa minnu li dan il-ftehim ma wasalx sabiex jinkiteb qabel l-attur jimbarka. Illi min-naħa l-oħra lanqas jista' jingħad li l-attur tela' minn jeddu sabiex joffri servizz bla ħlas. Illi l-verżjoni tal-fatti kif imressqa mill-attur huma verosimili ta' dak il-ftehim verbali li kien sar bejn il-partijiet.*

*Illi huwa mifhum li s-soċjetà konvenuta diġà ħallset is-somma ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400) f'Diċembru 2015 u dan xehdu wkoll l-istess attur fejn sar dan il-pagament lejn l-attur. Illi li jekk skont l-istess soċjetà konvenuta ma kienx hemm ftehim ta' ħlas għax l-attur kien tela' minn jeddu, allura dak il-ħlas mgħoddi lilu ma kienx jagħmel sens għal dan ir-raġunament. Il-ħaġa hija jew għamel xogħol u ma tħallasx ta' kollox jew inkella ma kien dovut xejn. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li dak li għamel l-attur fuq il-lanċa għamlu wara l-ftheim li kien sar bejn il-partijiet sabiex jippresta xogħol matul dan il-perijodu li kien qiegħed ġewwa l-Eġittu.*

***Decide***

***Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tal-attur b'dan illi qed tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas dik is-somma pretiża minnu fir-rikors***

> ***promutur u ċioe l-ammont ta' ħdax-il elf disa' mija u sebgħa u tletin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,937.25) għar-raġunijiet imsemmija fl-istess rikors promutur li minnhom għandhom jitnaqqsu s-somma ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400) ġia mħallsa.***
>
> ***Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta u bl-imgħaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-preżentata tar-rikors sad-data tal-pagament effettiv."***

## Ir-rikors tal-appell

6. Is-soċjetà intimata ppreżentat l-appell tagħha fil-25 ta' Novembru, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, mogħtija nhar il-5 ta' Novembru, 2019 fl-ismijiet fuq premessi u konsegwentement tilqa' dan l-appell fid-dawl tal-aggravji u l-konsiderazzjonijiet suesposti, u tiddikjara li s-soċjetà appellanta ma għandha tħallas l-ebda ammont lill-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat."*

7. Is-soċjetà appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex: (i) L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti fir-rigward ta' meta kien miftiehem li jiskatta ir-rwol tal-attur appellat bħala kaptan; (ii) l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-ġurisprudenza minħabba interpretazzjoni skorretta tal-fatti.

## Ir-risposta tal-appell

8. Fir-risposta tal-appell tiegħu r-rikorrent appellat jgħid li l-appell intavolat mill-appellanta għandu jiġi miċħud, u li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti għandha tiġi kkonfermata. Fir-risposta tiegħu l-appellat jagħmel riferiment

għall-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, u jgħid li mhux minnu li s-soċjetà appellanta kienet ħallsitlu l-biljett tal-ajru lejn l-Eġittu għaliex huwa kellu problemi finanzjarji hawn Malta. L-appellat għamel riferiment għax-xhieda mogħtija minnu, fejn qal li huwa kien telaq lejn l-Eġittu ħabta u sabta, fuq talba ta' esponenti tas-soċjetà appellanta, u għalhekk ma kellux ċans jinsisti qabel jitlaq fuq l-iffirmar ta' kuntratt ta' xogħol. L-appellat qal li tul it-tliet xhur li huwa qatta' l-Eġittu huwa kien jgħix f'kundizzjonijiet miżeri għall-aħħar, u kien jippreferi li baqa' Malta u jiffaċċja kwalsiasi problemi finanzjarji li seta' kellu f'pajjiżu milli jmur iqatta' tliet xhur l-Eġittu jgħix f'dawk il-kundizzjonijiet. L-appellat qal li l-preżenza tiegħu fl-Eġittu dak iż-żmien kienet meħtieġa sabiex huwa jassisti lill-inġiniera li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-bastiment, minħabba li eventwalment il-bastiment kien ser jinstaq minnu, u bħala kaptan huwa kien mistenni li jerfa' r-responsabbilità għall-vjaġġi li l-bastiment kien qiegħed jitħejja għalihom. L-appellat qal li Kevin Attard ma kienx veritier fix-xhieda tiegħu għaliex dan ta l-impressjoni li l-kaptan tal-lanċa kemm jistartja l-magna u jitlaq, mentri l-appellat spjega li l-kaptan ta' kwalunkwe opra tal-baħar irid ikun jaf iħaddem il-makkinarju abbord sabiex ikun jaf x'irid isir f'każ li tinqala' xi emerġenza. L-appellat qal li l-ammont ta' €11,937.25 pretiż minnu huwa dovut lilu għall-fatt li huwa qatta' tliet xhur jaħdem fuq il-lanċa sabiex tiġi attrezzata bil-makkinarju meħtieġ u tkun imħejjija għall-vjaġġi li trid tagħmel, u tul dawk it-tliet xhur l-appellat ma qagħadx iħares, partikolarment meta kien hemm diversi ħaddiema u xogħol kontinwu għaddej fuq il-bastiment. B'riferiment għar-ritratti esebiti quddiem l-Ewwel Qorti fejn il-lanċa tidher bil-qiegħ imċarrat u allura ir-rwol tal-kaptan ma kienx meħtieġ, l-appellat qal li ma

nġabet l-ebda prova dwar meta dawn ir-ritratti kienu ttieħdu, u qal li dawn kienu ttieħdu ferm qabel mas-soċjetà appellanta bdiet tfittex is-servizzi ta' kaptan.

Dwar it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li l-każistika ċċitata mill-Ewwel Qorti ġiet applikata b'mod ġust għaċ-ċirkostanzi odjerni, u qal li minkejja li s-soċjetà appellanta kellha perijodu ta' sitt xhur biex tressaq il-provi tagħha, l-unika prova li tressqet minnha kienet ix-xhieda ta' Kevin Attard. L-appellat qal ukoll li dan ix-xhud kien l-inqas persuna li huwa kellu kuntatt miegħu tul iż-żmien li kien involut mas-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tikkonsidra l-appell imressaq mis-soċjetà intimata, flimkien mar-risposta tar-rikorrent, u dan fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju:* *apprezzament ħażin tal-fatti rigward meta kien miftiehem li jiskatta r-rwol tal-attur appellat bħala kaptan*

9. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament skorrett tal-fatti meta għaddiet biex tiddeċiedi dwar il-fatti li kellha quddiemha, u dan b'riferiment għall-fatt li minkejja li x-xhud Kevin Attard spjega li l-appellat tela' l-Eġittu minn jeddu, l-Ewwel Qorti rrimarkat dwar il-fatt li ħadd mill-persuni li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiemha ma qal min

ħallas il-biljett tal-ajru tar-rikorrent, u minn dan isegwi li r-rikorrent ma kienx ser jitla' l-Eġittu minn jeddu mingħajr ma kien jaf jekk kienx ser jitħallas għal xogħlu. Is-soċjetà appellanta tgħid li mill-provi kellu jirriżulta li kienet l-appellanta li ħallset għall-biljett tal-ajru li tar bih l-appellat, wara li kien hemm insistenza da parti tal-appellat li jitla' l-Eġittu għaliex hawn Malta kien qiegħed jiffaċċja diversi problemi. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti ma ħadet l-ebda konjizzjoni ta' *email* partikolari fejn l-appellat wera d-disponibbilità tiegħu li jsiefer f'każ li kien mistenni li jitla' l-Eġittu. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-kontenut ta' din l-*email* juri li l-appellat kellu problemi finanzjarji hawn Malta li hu xtaq jaħrab minnhom, u minkejja li l-appellat innifsu stqarr quddiem l-Ewwel Qorti li huwa kellu jiskonta piena minħabba li naqas milli jħallas il-manteniment għal bintu, fl-ebda waqt ma nġabet xi forma ta' prova dwar meta seħħ dan kollu. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tal-fatt li kien l-appellat stess li minn jeddu wera d-dispożizzjoni li jitla' jagħmel tliet xhur l-Eġittu, li jfisser li kwalsiasi ftehim li l-appellat seta' kellu mas-soċjetà appellanta ma kienx jiċċentra mat-tliet xhur li tagħhom huwa qiegħed jippretendi ħlas fis-somma ta' €11,937.25. Is-soċjetà appellanta tgħid li din l-offerta tal-appellat hija prova li l-preżenza tiegħu fl-Eġittu fiż-żmien meta l-bastiment inkwistjoni kien qiegħed jissewwa fuq l-art, ma kinitx meħtieġa. L-appellanta qalet wkoll li l-Ewwel Qorti bħal donnha skartat dak li qal Kevin Attard, li l-ammont ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2,400) tħallas lill-appellat bil-buona volontà ta' esponenti tas-soċjetà appellanta, u li t-tliet xhur li l-appellat qatta' ġewwa l-Eġittu ma kinux koperti bil-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet. F'dan ir-rigward is-soċjetà appellanta qalet li

hija ma tistax tifhem ir-raġuni għalfejn ix-xhieda ta' Kevin Attard ġiet skartata. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Ewwel Qorti ġġustifikat il-ħlas ta' aktar minn ħdax-il elf Euro lill-appellat għax dan kien ġabar xi mapep u bagħat xi *emails* relatati mal-ordnijiet tal-ikel għall-membri tal-ekwipaġġ, u żiedet tgħid li minkejja li huwa minnu li l-appellat għamel xi xogħol b'rabta mal-vjaġġ, dan ix-xogħol ma jimmeritax ħlas ta' €11,937.25. Is-soċjetà appellanta qalet wkoll li l-Ewwel Qorti skartat għalkollox il-provi li hija għamlet permezz tal-preżentata ta' sensiela ta' ritratti, li juru l-bastiment żarmat fuq l-art bil-qiegħ imċarrat, u żiedet tgħid li l-appellat bħala kaptan ma kellu ebda rwol x'jaqdi fuq bastiment żarmat u sorġut fuq l-art. Is-soċjetà appellanta tgħid wkoll li mill-provi mkien ma jirriżulta li l-appellat jew is-sieħba tiegħu qatt insistew fuq l-iffirmar tal-kuntratt ta' impjieg, u l-messaġġi esebiti fil-proċess huma prova tal-ħbiberija li nibtet bejn l-appellat u l-mara ta' wieħed mill-esponenti tas-soċjetà appellanta, u ma jippruvaw l-ebda ħaġa oħra. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li kieku t-teżi tal-appellat hija veritiera, l-appellat kellu jitħallas l-ammont ta' madwar ħamest elef u seba' mitt Euro (€5,700) għal kull xahar li huwa jagħmel fl-Eġittu, prova li baqgħet qatt ma nġabet mill-appellat. Is-soċjetà appellanta tgħid wkoll li ma nġabet l-ebda prova mill-appellat li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim bl-ammonti kif pretiżi minnu, partikolarment meta l-appellat innifsu xehed li meta tkellem ma' esponenti tas-soċjetà intimata dawn kienu qalulu li ma setgħux iħallsuh aktar minn elfejn Euro (€2,000) fix-xahar.

Il-Qorti kkunsidrat dan l-aggravju fid-dawl taċ-ċirkostanzi kif spjegati mill-partijiet fil-kawża, partikolarment il-mod kif żvolġiet ir-relazzjoni ta' bejniethom, liema relazzjoni jirriżulta li kienet nieqsa minn kull tip ta' formalità

jew kuntratt bil-miktub. Mill-provi jirriżulta li l-appellat ġie avviċinat mis-soċjetà appellanta sabiex jibda jaħdem bħala kaptan fuq il-bastiment bl-isem *MV Alice,* u mill-ewwel laqgħa li saret bejn il-partijiet, ferm qabel ma kellu jimmaterjalizza l-kuntratt mal-Gvern tal-Maldives, ġie stabbilit li l-appellat kien ser jingħata l-inkarigu ta' kaptan fuq dan il-bastiment, u s-soċjetà appellanta rabtet lill-appellat biex ma jaċċetta l-ebda inkarigu fuq xi bastiment ieħor billi tatu somma ta' flus (€750). Dak iż-żmien il-bastiment li kellu jaħdem fuqu l-appellat, proprjetà tas-soċjetà appellanta, kien qiegħed ġewwa l-Eġittu għal xogħol ta' *rebuilding.* Mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li f'*email* partikolari li l-appellat bagħat lil esponenti tas-soċjetà appellanta, dan qal li kien dispost li jmur l-Eġittu għal perijodu ta' tliet xhur sabiex jissorvelja x-xogħol li kien qiegħed isir fuq l-imsemmi bastiment. Din l-offerta tal-appellat ma sabitx oppożizzjoni mis-soċjetà appellanta, tant hu hekk li dawn ħallsulu l-biljett tal-ajru sabiex ikun jista' jmur l-Eġittu u jqatta' xi żmien hemmhekk. Minkejja li mkien ma ġie speċifikat x'kien ix-xogħol li l-appellat kellu jagħmel f'dawn it-tliet xhur li huwa dam l-Eġittu, qraba u ħbieb tal-appellat u anki l-appellat innifsu xehdu dwar il-kundizzjonijiet ferm miżeri li dan kien qiegħed jgħix fihom waqt li kien hemmhekk. L-appellat jgħid li f'dawn it-tliet xhur il-preżenza tiegħu fl-Eġittu kienet meħtieġa sabiex huwa jassisti lill-inġiniera li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-bastiment u sabiex jiffamiljarizza ruħu max-xogħol li kien qiegħed isir fuq il-bastiment, ladarba huwa kien il-persuna li kien ser isuqu f'ċirkostanzi li setgħu jkunu diffiċli jekk mhux addirittura perikolużi. L-appellat spjega kif saħansitra anki qabel mar l-Eġittu, kien għamel xi xogħol preparatorju u ġabar mapep u dokumenti oħra b'rabta mal-vjaġġi li dan il-

bastiment kien mistenni li jagħmel. Din il-Qorti tqis li minkejja l-impressjoni li ppruvat tingħata mix-xhud Kevin Attard li saħansitra implika li l-appellat ried jitla' l-Eġittu minħabba li kellu xi problemi hawn Malta, kienu esponenti tas-soċjetà appellanta stess li talbu lill-appellat imur l-Eġittu fejn kien qiegħed isir xogħol ta' bini mill-ġdid fuq il-bastiment. L-appellat xehed kif sa mill-ewwel laqgħa li huwa kellu ma' esponenti tas-soċjetà appellanta, huwa kien ġie infurmat li l-ewwel kien mistenni li jmur l-Eġittu għal perijodu ta' tliet xhur, u wara kellu jirritorna Malta għal xahar, qabel ma jmur biex jibda l-inkarigu tiegħu ġewwa l-gżejjer tal-Maldives. L-appellat qal li kien f'din il-laqgħa li huwa kien talab salarju ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) fil-ġimgħa mingħand is-soċjetà appellanta, u esponenti tas-soċjetà appellanta kienu infurmawh li huma ma setgħux iħallsu dawk it-tip ta' pagi. Għalhekk kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet li l-appellat kellu jibda jitħallas elfejn Euro (€2,000) fix-xahar, flimkien ma' xi *allowances* oħra hekk kif jibda jaqdi l-inkarigu tiegħu fil-Maldives.

Din il-Qorti tqis li l-appellat kien aċċetta li jibda jitħallas l-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) fix-xahar bħala ħlas ġust għax-xogħol li huwa kien mistenni li jagħmel bħala kaptan tal-bastiment, u tqis ukoll li dan il-ftehim ifformalizza ruħu qabel huwa mar l-Eġittu, u li għalhekk l-appellat kellu jibda jitħallas dan l-ammont mis-soċjetà appellanta minn dakinhar. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li minkejja li ssemmew l-*allowances* u ħlasijiet anċillari oħra, ma nġabet ebda prova ta' dawn għajr għal dak li xehed l-appellat innifsu, u dan meta kien l-appellat stess li qal li minkejja li huwa talab l-ammont ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) fil-ġimgħa bħala ħlas, esponenti tas-soċjetà appellanta kienu

infurmawh li huma ma setgħux iħallsuh aktar minn elfejn Euro (€2,000) fix-xahar. Jirriżulta wkoll li l-appellat aċċetta dan il-ħlas propost lilu, u li kien dispost li jiffirma kuntratt ta' impjieg għal għaxar snin b'dawn il-kundizzjonijiet. Il-Qorti tqis li minkejja dak li xehed Kevin Attard, il-ħlas ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2,400) ma kienx ħlas ġust għat-tliet xhur li l-appellat għamel fl-Eġittu, u l-esponenti tas-soċjetà appellanta lanqas ma kellhom il-jedd jiddeċiedu b'mod arbitrarju dwar il-kumpens li kellu jingħata l-appellat għax-xogħol li wettaq. Ċertament li l-appellat ma marx l-Eġittu la bħala vaganza u lanqas biex b'xi mod jaħrab minn xi sitwazzjoni li kien qiegħed fiha hawn Malta, iżda mar hemmhekk bħala xogħol. Mar hemm għaliex emmen li l-preżenza tiegħu fil-post fejn kien qiegħed isir xogħol ta' bini mill-ġdid tal-bastiment li kien ser jaħdem fuqu f'kundizzjonijiet li setgħu jkunu diffiċli ferm, tassew kienet meħtieġa. Huwa għalhekk li din il-Qorti tqis li l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat għandu jkun ta' sitt elef Euro (€6,000), li minnhom iridu jitnaqqsu l-elfejn u erba' mitt euro (€2,400) li s-soċjetà appellanta diġà ħallset lill-appellat, sabiex b'hekk jifdal bilanċ ta' tlett elef u sitt mitt Euro (€3,600) li għadu dovut u li jrid jitħallas lill-appellat.

*It-tieni aggravju:* *applikazzjoni ħażina tal-ġurisprudenza minħabba interpretazzjoni skorretta tal-fatti*

Is-soċjetà appellanta tikkontendi li ladarba l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament skorrett tal-fatti, din għamlet ukoll applikazzjoni skorretta tal-ġurisprudenza applikabbli, u żiedet tgħid li l-konklużjonijiet li wasslet għalihom

l-Ewwel Qorti huma diametrikament opposti għal dak li tgħid il-ġurisprudenza ċċitata minnha. F'dan ir-rigward is-soċjetà appellanta tgħid li l-provi u l-fatti kollha li jirriżultaw mill-proċess, kemm dawk prodotti mill-attur appellat, kif ukoll it-testimonjanza u r-ritratti prodotti mis-soċjetà appellanta, juru li l-appellat tela' l-Eġittu minn jeddu, u l-ftehim għall-ħlas ta' elfejn Euro (€2,000) fix-xahar kien biss għall-perijodu ta' meta l-bastiment kien ser ikun lest għat-tbaħħir. Is-soċjetà appellanta tgħid li baqa' ma ġiex stabbilit x'tip ta' xogħol għamel l-appellat fit-tliet xhur li dam l-Eġittu, u l-oneru tal-prova ta' dan kollu kien jinkombi fuq l-appellat.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-ġurisprudenza ċċitata mill-Ewwel Qorti, partikolarment dik dwar l-oneru tal-prova fuq min jallega, kienet f'lokha, u m'hemm xejn li għandu jwassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti applikat il-ġurisprudenza b'mod żbaljat kif qiegħed jiġi allegat. F'kawżi bħal din, fejn il-ġudikant irid jiddeċiedi fuq il-bażi tal-provi prodotti quddiemu, u fejn il-partijiet fil-kawża ma jirnexxilhomx iġibu oġġettivi dwar dak li jkun ġie miftiehem bejniethom, il-ġudikant irid ta' bilfors joqgħod fuq il-konvinċiment morali tiegħu u jistrieħ fuq dak li huwa probabbli li seħħ skont il-provi li jkunu ressqu l-partijiet. Minkejja li din il-Qorti qiegħda tasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasslet għaliha l-Ewwel Qorti, ma jistax jintqal li dan huwa dovut għal xi żball jew ieħor li għamlet l-Ewwel Qorti. Għall-kuntrarju, bl-applikazzjoni tal-istess prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza ċċitata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti waslet għall-konvinċiment morali li l-appellat għandu jitħallas salarju għat-tliet xhur li għamel fl-Eġittu, li jkun ekwivalenti għas-

salarju li huwa kien dispost li jaċċetta li jitħallas għax-xogħol li kien ser jagħmel fil-gżejjer tal-Maldives, u dan abbażi tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kawża.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqa' limitatament l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta billi:**

**(1) tistabbilixxi li l-ħlas dovut lill-appellat għat-tliet xhur li ħadem ġewwa l-Eġittu għandu jkun ta' sitt elef Euro (€6,000), li minnhom għandhom jitnaqqsu l-elfejn u erba' mitt Euro (€2,400) li diġà tħallsu lilu mis-soċjetà appellanta;**

**(2) Tiċħad it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta.**

**Spejjeż ta' dan l-appell jinqasmu kwantu għal terz għall-appellat, u żewġ terzi għas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**